

(3) Il-Kummissjoni Ewropea, il-Confédération européenne de l'industrie de la chaussure (CEC), B.A.L.A. di Lanciotti Vittorio & C. Sas u s-sittax-il intervenjent l-ieħor li isimhom jinsab jil-anness għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(¹) ĠU C 56, 10.3.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Novembru 2009 — Esber vs UASI — Coloris Gobal Colouring Concept (COLOURS)

(Kawża T-353/07) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva COLORIS — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti COLORIS — Raġuni relattiva għal rifjut — Użu serju tat-trade mark preċedenti — Artikolu 15(2)(a) u Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li saru l-Artikolu 15(1)(a) u l-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”)

(2010/C 24/81)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Esber, SA (Burceña-Baracaldo, Spanja) (rappreżentanti: T. Villate Consonni, J. Calderón Chavero u M. Yañez Manglano, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Coloris Global Colouring Concept (Villeneuve Loubet, Franza) (rappreżentant: K. Manhaeve, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Ġunju 2007 (Każ R 1060/2006-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Coloris Global Coloring Concept u Esber, SA.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Esber, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 269, 10.11.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza 2 ta' Diċembru 2009 — Volvo Trademark vs UASI — Grebenshikova (SOLVO)

(Kawża T-434/07) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva SOLVO — Trade marks Komunitarji u nazzjonali verbali u figurattivi preċedenti VOLVO — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament KE Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”)

(2010/C 24/82)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Volvo Trademark Holding AB (Göteborg, l-Isvezja) (rappreżentanti: T. Dolde, V. von Bomhard u A. Renck, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: S. Laitinen u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Elena Grebenshikova (Saint-Petersbourg, ir-Russja) (rappreżentant: M. Björkenfeldt, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-2 ta' Awwissu 2007 (Każ R 1240/2006-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Volvo Trademark Holding AB u Elena Grebenshikova.

Dispożittiv

(1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-2 ta' Awwissu 2007 (Każ R 1240/2006-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Volvo Trademark Holding AB u Elena Grebenshikova, hija annullata.

(2) L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal nofs l-ispejjeż sostnuti minn Volvo Trademark Holding.

(3) E. Grebenshikova hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal nofs l-ispejjeż sostnuti minn Volvo Trademark Holding.

(¹) ĠU C 37, 9.2.2008

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Diċembru 2009 — Antwerpse Bouwwerken vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-195/08) (¹)

(“*Kuntratti pubbliċi — Proċedura ta' sejħa għal offerti Komunitarja — Bini ta' sala ta' produzzjoni ta' materjal ta' referenza — Ċaħda tal-offerta ta' kandidat — Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Ammissibiltà — Interpretazzjoni ta' kundizzjoni prevista fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt — Konformità ta' offerta mal-kundizzjonijiet previsti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt — Eżerċizzju tas-setgħa li jintalbu kjarifiki dwar l-offerti — Rikors għad-danni*”)

(2010/C 24/83)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Antwerpse Bouwwerken NV (Antwerpen, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment J. Verbist u D. de Keuster, sussegwentement J. Verbist, B. van de Walle de Ghelcke u A. Vandervennet, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Manhaeve, aġent, assistit minn M. Gelders, avukat)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad l-offerta ppreżentata mir-rikorrenti fil-kuntest ta' sejħa għal offerti ristretta rigward il-bini ta' sala ta' produzzjoni ta' materjali ta' referenza fuq is-sit tal-*Institut des matériaux et mesures de référence* f'Geel (il-Belġju) u li tagħti l-kuntratt pubbliku lil kandidat ieħor u, min-naħa, talba għall-kumpens għad-danni allegatament imġarrba mir-rikorrenti minħabba l-istess deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) Antwerpse Bouwwerken NV hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji fil-Kawża T-195/08 R.

(¹) ĠU C 183, 19.7.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Diċembru 2009 — Iranian Tobacco vs UASI — AD Bulgartabac (Bahman)

(Kawża T-223/08) (¹)

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' revoka — Trade mark Komunitarja figurattiva Bahman — Nuqqas tar-rekwiżit ta' interess ġuridiku — Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar Artikolu 56(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009)*”)

(2010/C 24/84)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Iranian Tobacco Co. (Teheran, l-Iran) (rappreżentant: M. Beckensträter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Poch, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: AD Bulgartabac Holding Sofia (Sofija, il-Bulgarija) (rappreżentant: M. Maček, avukat)

Suġġett

Rikors mid-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-10 ta' April 2008 (Każ R 709/2007-1), dwar proċedimenti ta' revoka bejn AD Bulgartabac Holding Sofia u Iranian Tobacco Co.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud*

(2) *Iranian Tobacco Co. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 223, 30.08.2008